MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 54 – 3 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 11 ta' Novembru 2021**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' kemm fil-Bini Amministrattiv fi 395, Triq il-Vitorja Ħal Qormi, kif ukoll b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Viċi Sindku Ħaż-Żebbuġ | Is-Sur Mark Camilleri |
| Sindku Ħal Luqa | Is-Sur John Schembri |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Sindku Santa Luċija | Is-Sa Charmaine St John |
| Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |

| | |
|---|---|
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Sindku Ħal Kirkop | Is-Sur Terence Agius |
| Kunsillier Siġġiewi | Dr Kurstein Sant |
| Sindku Ħal Safi | Is-Sur Johan Mula |
| Sindku Żurrieq | Is-Sa Rita Grima |
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Deputat President/Sindku Qrendi | Is-Sur David Michael Schembri |
| Sindku Mqabba | Omar Farrugia |

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti

Il-President  is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 54.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

54.1.1 Il-President informa li rċieva ittri ta' apoloġija mis-Sindku tal-Qrendi u mis-Sindku tal-Imqabba fejn taw ir-raġuni għalfejn ma setgħux ikunu preżenti.

54.1.2 Il-Membri preżenti aċċettaw l-apoloġiji b'mod unanimu.

## 54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

54.2.1 Il-President ressaq il-minuti tat-tlieta u ħamsin (53) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li ġew iċċirkolati  minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant, ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

54.2.2 Wara mozzjoni mressqa minn Dr Marija Sara Vella u ssekondata mis-Sur John Schembri, il-Membri Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-minuti msemmija.

## 54.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Laqgħa mas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-reġjun**

54.3.1 Il-President informa li matul il-jiem li għaddew, is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Reġjonali ltaqa' mas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali li jaqgħu taħt ir-Reġjun tan-Nofsinhar, kif ukoll dawk li se jkunu qed jissieħbu mal-istess reġjun minn Jannar li ġej. F'din il-laqgħa ġie diskuss il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Reġjonali u l-istrateġiji li se nkunu qed naħdmu fuqhom fix-xhur li ġejjin. Sar ukoll ir-ringrazzjament lil dawk is-Segretarji Eżekuttivi li se jkunu qed iħallu lir-Reġjun tan-Nofsinhar u jingħaqdu mar-Reġjun tal-Punent. Fl-istess ġurnata nżammet ukoll attività ta' teambuilding biex tibda tissaħħaħ is-sinerġija tat-tim il-ġdid.

**- Sejħa ta' Assistent Prinċipal mal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar**

54.3.2 Il-President ħabbar li wara li nħarġet is-sejħa għal din il-pożizzjoni, kien hemm applikazzjoni waħda biss li d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali ma sabx li kienet eliġibbli. Hu qal li ġie mogħti suġġeriment lilu li tinħareġ sejħa oħra għal uffiċjal eżekuttiv. Għalhekk talab l-approvazzjoni tal-Membri preżenti sabiex il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar jissottometti applikazzjoni mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali ħalli jinħareġ il-permess għal din is-sejħa.

54.3.3 Il-Membri preżenti approvaw il-proposta tal-President b'mod unanimu.

**- Uffiċjali professjonali mal-Kunsill Reġjonali**

54.3.4 Il-President qal li l-Bord maħtur mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar għamel l-intervisti mal-kandidati li ġew referuti mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u kkonkluda l-lista tal-preferenzi tiegħu. Hu talab lil wieħed mill-membri tal-Bord tal-Għażla biex jagħti r-rendikont tal-proċess u d-deċiżjoni tagħhom.

54.3.5 Wara li l-Membri ingħataw l-informazzjoni, il-President talab lill-Membri preżenti japprovaw id-deċiżjoni tal-Bord.

54.3.6 Il-Membri preżenti approvaw id-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla b'mod unanimu.

**- President's Fun Run 2021**

54.3.7 Il-President informa li d-data tar-reġistrazzjoni għall-pubbliku ġiet estiża bi tlett ijiem oħra. Hu ħeġġeġ lill-Membri preżenti biex iħeġġu aktar residenti mil-lokalità tagħhom ħalli jieħdu sehem u jgħinu f'din il-kawża ġusta.

**- Uffiċjal tal-Komunità għall-Ħarsien tal-Annimali**

54.3.8 Il-President irrefera għas-servizz ġdid li se jibda jiġi offrut mill-Kunsill Reġjonali lill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-reġjun fejn se jibdew jingħataw assistenza u sapport fuq materji relatati mal-ħarsien tal-annimali skont ir-responsabbilitajiet u dmirijiet indikati fl-skema li nħarġet mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għal din il-pożizzjoni. Dawk il-Kunsilli Lokali li jixtiequ l-għajnuna ta' dan l-uffiċjal għandhom jibagħtu t-talba tagħhom lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Reġjonali u jiġi ffisat appuntament ma' dan l-uffiċjal biex jiġu diskussi l-bżonnijiet kif ukoll jġi ggwidat fuq il-postijiet fil-lokalità li għandhom jiġu indirizzati.

**- Skemi ta' għajnuna finanzjarja mill-Kunsill Reġjonali**

54.3.9 Il-President semma' li, matul il-jiem li għaddew, il-Kunsill Reġjonali ngħata direzzjoni mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali biex ma jibqax joħroġ skemi ta' għajnuna finanzjarja lill-Kunsilli Lokali kif kien jagħmel qabel imma jikkonċentra aktar fuq l-għoti ta' assistenza u għajnuna professjonali lill-Kunsilli Lokali permezz tal-uffiċjali professjonali li ngaġġa miegħu dan l-aħħar. L-iskemi għal għajnuna finanzjarja se jibdew jinħarġu mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u l-uffiċjali professjonali tal-Kunsill Reġjonali se jkunu jistgħu jassistu lill-Kunsill Lokali fl-applikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-proġetti jew inizjattivi tagħhom.

**- Attività annwali tal-Milied mill-Kunsill Reġjonali**

54.3.10 Il-President ħabbar li matul dawn il-ġimgħat ġew mibgħuta proposti minn ħames Kunsilli Lokali tar-Reġjun biex itellgħu attivitajiet bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Reġjonali fi żmien il-Milied. Hu semma' li dawn il-proposti ġew evalwati mill-Uffiċjal Kulturali tal-Kunsill Reġjonali u din għaddiet ir-rapport tagħha lilu. Il-proposti li kienu l-aktar validi kienu dawk tal-Kunsilli Lokali ta' Ħal Safi, ta' Ħal Luqa u ta' Santa Luċija. Kopja ta' dawn il-proposti ġew mgħoddija lill-Membri. Il-President qal li l-proposti kollha huma interessanti u hu ppropona li jiġu approvati t-tlieta li huma.

54.3.11 Il-Membri preżenti approvaw il-proposta tal-President b'mod unanimu.

**- Ħarġa kulturali f'Ħaż-Żebbuġ bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Reġjonali**

54.3.12 Il-President qal li l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar se jikkollabora mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ biex issir ħarġa kulturali u mixja madwar bosta kappelli f'Ħaż-Żebbuġ. Din l-attività

se tiġi organizzata mill-Viċi Sindku s-Sur Mark Camilleri. Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar se joffri għal dawk li jattendu numru ta' kotba 'Id-Devozzjoni u l-Kult Marjan fir-Reġjun tan-Nofsinhar' miktub minn Max Farruġia li kien se jkun preżenti bħala gwida. Min jixtieq jattendi għal din l-attività għandu jagħmel kuntatt mas-Sur Mark Camilleri.

**- Apprezzament lill-President mill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ**

54.3.13 Il-President irringrazzja lis-Sindku u l-Membri tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ talli għoġobhom jinnominawh għal preżentazzjoni ta' apprezzament f'jum il-lokalità. Hu ħa l-opportunità biex jirringrazzja lill-Membri u s-Sindki kollha li dejjem urew impenn u koperazzjoni tul is-snin li ħadmu flimkien. Fi ftit ġimgħat oħra, Malta se tinqasam f'sitt reġjuni b'kompożizzjoni differenti u r-Reġjun tan-Nofsinhar se jkun qed jgħaddi minn tibdil sostanzjali fejn nofs il-lokalitajiet se jkunu qed jingħaqdu mar-Reġjun tal-Punent.

**- Ikla tal-Milied għall-Membri u rappreżentanti tal-Kunsill Reġjonali**

54.3.14 Il-President qal li dan il-Milied se jkun l-aħħar wieħed li l-Membri preżenti se jqattgħu flimkien qabel isir it-tibdil fir-reġjuni f'Jannar li ġej. Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar se jkun qed jorganizza ikla tal-Milied biex jirringrazzja lis-Sindki u r-rappreżentanti tagħhom għar-riżultati pożittivi li nkisbu bis-sehem ta' kulħadd. Il-Membri se jkunu qed jirċievu aktar dettalji fil-jiem li ġejjin.

**- Kummenti**

54.3.15 Fil-ħin allokat għall-kummenti, is-Sur Scott Camilleri rrefera għall-iskemi, inċentivi u fondi li l-Kunsill Reġjonali kien jgħaddi lill-Kunsilli Lokali u qal li dawn kienu jagħtu aktar motivazzjoni lill-Membri biex joħorġu b'ideat ġodda u jwettquhom għall-ġid tar-residenti għax ir-riżorsi finanzjarji tagħhom huma limitati. Hu personalment ma jħossx li jkun ġust li dawn jinqatgħu.

54.3.16 Il-President qal li minħabba li issa s-salarji u l-ispejjeż amministrattivi tal-Kunsill Reġjonali żdiedu bil-bosta, żgur mhux se jibqagħlu wisq fondi biex jallokahom lill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsilli lokali se jkollhom opportunitajiet permezz ta' skemi ta' fondi li se jkunu qed jinħarġu direttament mid-Diviżjoni. Il-Kunsill Reġjonali, permezz tal-uffiċjali professjonali tiegħu, se jkun qed jassisti lill-Kunsilli lokali biex ifasslu l-applikazzjonijiet u jimplimentaw l-inċentivi u l-proġetti tagħhom b'suċċess. Dan hu r-rwol li se jkun qed jieħu l-Kunsill Reġjonali u l-Kunsilli Lokali kollha huma mħeġġa jagħmlu użu minn dawn l-uffiċjali professjonali li ġew ingaġġati f'dawn l-aħħar xhur u ġimgħat. Wieħed irid iqis ukoll, li la

jkun qed jiżdied is-sitt reġjun, l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Reġjonali se tkun qed tonqos sostanzjalment għax din trid tinqasam bejn sitt entitajiet minflok ħamsa.

## 54.4 Skeda ta' Pagamenti;

54.4.1 Il-President ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 11/21A-1 u 11/21B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

54.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Scott Camilleri u ssekondata mis-Sur John Schembri, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskedi ta' pagamenti msemmija.

## 54.5 Aġġornament fuq is-Sħubija fi Proġett mill-Programm Europe for Citizens;

54.5.1 Il-President ħabbar li għadu kif sar il-kick off meeting fi Spanja għall-proġett 'European Voices Challenging Euroscepticism' mill-programm Europe for Citizens u li għalih attendew id-Deputat President u s-Segretarju Eżekuttiv. Fi Frar tas-sena li ġejja se jsiru t-tieni parti ta' laqgħat li se jittellgħu fuq tlett ijiem f'Malta u għalihom se jkunu qed jattendu mas-sittin persuna minn muniċipalitajiet f'pajjiżi differenti tal-UE. Bħala partner f'dan il-proġett, il-Kunsill Reġjonali se jkun qed jikkollabora fl-organizzazzjoni permezz tal-uffiċjali professjonali tal-Kunsill Reġjonali li qed jaħdmu mill-qrib mal-organizzaturi fuq it-tfassil tal-programm u preparamenti loġistiċi oħra marbuta maż-żjara ta' dawn il-persuni.

## 54.6 Affarijiet Oħra;

**- Quarterly Financial Report Jan – Sep 2021**

54.6.1 Il-President ressaq ir-rapport finanzjarju li jkopri mill-bidu ta' Jannar sal-aħħar ta' Settembru 2021 li ntbagħat lill-Membri qabel il-laqgħa u għaldaqstant ġie kunsidrat bħala moqri. Hu ta spjega tiegħu u qal li l-Kunsill Reġjonali jinsab f'qagħda finanzjarja tajba biex ikompli jwettaq ix-xogħol li kellu mfassal fil-pjan ta' ħidma tiegħu għaż-żmien li ġej. Hu talab għall-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju.

54.6.2 Il-Membri preżenti approvaw ir-rapport finanzjarju b'mod unanimu.

**- Applikazzjoni ta' żvilupp għall-estensjoni tal-uffiċini fil-Bini Amministrattiv**

54.6.3 Il-President informa li l-Awtorità tal-Ippjanar ma talbitx aktar kjarifiki u reviżjoni ta' pjanti u l-applikazzjoni issa m'għadhiex aktar miżmuma. Fil-jiem li ġejjin, l-applikazzjoni se terġa' titressaq quddiem il-Bord għall-approvazzjoni.

**- Proposti minn Kunsilli Lokali għall-inizjattivi fil-lokalità fi żmien il-Milied**

54.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq proposti għal inizjattivi fil-lokalità fi żmien il-Milied mill-Kunsilli lokali tal-Qrendi, Birżebbuġa, il-Ħamrun, iż-Żurrieq, Ħal Kirkop u l-Imqabba.

54.6.5 Il-Membri preżenti approvaw il-proposti mressqa b'mod unanimu.

## 54.7 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

54.7.1 Il-laqgħa ntemmet fis-18.50 u ġiet aġġornata għall-Ħamis 09 ta' Diċembru 2021 fil-5.30 pm.

Konfermati llum ______________________.

Jesmond Aquilina — Philip Carabott

President — Segretarju Eżekuttiv